# KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

**Sommarju eżekuttiv tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* dwar il-Proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2007/36/KE rigward l-inkoraġġiment ta' involviment fit-tul tal-azzjonisti u d-Direttiva 2013/34/UE rigward ċerti elementi tad-dikjarazzjoni dwar il-governanza korporattiva**

*(It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni jista' jinstab bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż fuq il-websajt tal-KEPD www.edps.europa.eu)*

(2014/C 417/06)

## 1. Introduzzjoni

### 1.1. *Konsultazzjoni tal-KEPD*

1. Fid-9 ta' April 2014, il-Kummissjoni adottat proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2007/36/KE rigward l-inkoraġġiment ta' involviment fit-tul tal-azzjonisti u d-Direttiva 2013/34/UE rigward ċerti elementi tad-dikjarazzjoni dwar il-governanza korporattiva ("il-Proposta") ([1]). L-għada, il-Kummissjoni bagħtet il-Proposta lill-KEPD għal konsulatazzjoni.

2. Nilqgħu l-fatt li konna kkonsultati dwar din il-Proposta qabel l-adozzjoni tagħha u li ngħatajna l-possibbiltà li nipprovdu kummenti informali lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni qieset diversi minn dawn il-kummenti. Bħala riżultat, is-salvagwardji ta' protezzjoni tad-dejta fid-Direttiva proposta ssaħħew. Nilqgħu wkoll ir-referenza fil-preambolu għall-konsultazzjoni tal-KEPD.

### 1.2. *Kuntest, objettiv u kamp ta' applikazzjoni tal-Proposta*

3. Fl-2012, il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni: Il-liġi Ewropea dwar il-kumpaniji u l-governanza korporattiva — qafas legali modern għal azzjonisti aktar involuti u kumpaniji sostenibbli ([2]) pprovda l-pjan direzzjonali tal-Kummissjoni f'dan il-qasam, abbażi tal-objettivi tat-tisħiħ tat-trasparenza u l-involviment tal-azzjonisti.

4. Fl-ittra tiegħu tas-27 ta' Marzu 2013 lill-Kummissjoni ([3]) l-KEPD kkummenta dwar il-punti rilevanti fil-Pjan ta' Azzjoni. B'mod partikolari, ipprovdejna gwida preliminari fir-rigward tal-protezzjoni tad-dejta u t-tħassib għall-privatezza fir-rigward tal-"identifikazzjoni tal-azzjonisti" u s-"sorveljanza tal-azzjonisti tal-politika dwar ir-remunerazzjoni".

5. L-objettiv globali tal-Proposta attwali, fil-parti rilevanti, huwa li tiġi emendata d-Direttiva 2007/36/KE ("Direttiva dwar id-Drittijiet tal-azzjonisti") ([4]), li introduċiet standards minimi li jassiguraw li l-azzjonisti jkollhom aċċess f'waqtu għall-informazzjoni rilevanti qabel il-laqgħa ġenerali u mezzi sempliċi biex jivvutaw mill-bogħod u tistabbilixxi wkoll għadd ta' rekwiżiti komuni oħra rigward id-drittijiet tal-azzjonisti.

## 3. Konklużjonijiet

34. Nilqgħu l-konsultazzjoni tal-KEPD dwar din il-Proposta u l-fatt li l-Kummissjoni qieset diversi mill-kummenti tagħna. Bħala riżultat, is-salvagwardji ta' protezzjoni tad-dejta fid-Direttiva proposta ssaħħew.

35. F'din l-Opinjoni, nirrakkomandaw it-titjib ulterjuri li ġej:

— Għandha tiżdied dispożizzjoni ġenerali u sostantiva li tirreferi għal-leġiżlazzjoni applikabbli dwar il-protezzjoni tad-dejta, inkluż il-"liġijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva 95/46/KE",

— Barra minn hekk, il-Proposta għandha tispeċifika l-finijiet tal-ipproċessar u għandha tipprevedi b'mod ċar li la l-informazzjoni dwar l-identità tal-azzjonisti, u lanqas id-dejta dwar ir-remunerazzjoni ta' diretturi individwali, ma għandhom jintużaw għal xi fini inkompatibbli,

([1]) COM(2014) 213 finali.
([2]) COM(2012) 740 finali.
([3]) Disponibbli fuq il-websajt tal-KEPD: https://secure.edps.europa.eu/EDPSWEB/webdav/site/mySite/shared/Documents/Consultation/Comments/2013/13-03-27_Letter_Company_Law_EN.pdf
([4]) Id-Direttiva 2007/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007.

— Barra minn hekk, il-Proposta għandha teħtieġ ukoll li l-kumpaniji jiżguraw li jiddaħħlu fis-seħħ miżuri tekniċi u organizzattivi biex jillimitaw l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar l-individwi (bħall-azzjonisti jew diretturi individwali) wara ċertu perjodu ta' żmien,

— Fl-aħħar nett, il-Proposta għandha teħtieġ li f'każ li l-iżvelar tad-dettalji ta' pakkett ta' remunerazzjoni ta' direttur individwali jirrivela dejta dwar is-saħħa jew kategoriji speċjali oħra ta' dejta protetta skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 95/46/KE, allura l-informazzjoni għandha tingħata sura ġdida sabiex tiġi eskluża kwalunkwe referenza għal tali informazzjoni "aktar sensittiva".

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Ottubru 2014.

Giovanni BUTTARELLI

*Assistent Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad*-Data